# ISMIJIET TA' TOROQ GODDA FIS-SIGGIEWI

Bħalma nafu, is-Siġġiewi huwa raħal imdawwar kollu bl-egħlieqi u għalhekk il-biedja kienet ix-xogħol prinċipali tas-Siġġiwin. m'hux ta' b'xejn għalhekk li ħamsa mis-sitt ismijiet ta' toroq ġodda li ngħataw huma kollha fuq staġun tal-Biedja.

1. L-ewwel triq ġdida fi Triq il-Żabbarija ġiet imsejħa TRIQ IL-QIEGĦA. Wara li l-bidwi jkun sarlu l-prodott tal-qamħ jew xgħir, dan għall-ħabta ta' Mejju-Ġunju, kien iħożż dawra tonda f'nofs l-għalqa madwar xi 8 metri dijametru, inaddafha mill-ġebel, jitfgħalha l-ilma u t-trab ta' l-andar li jkun ġabar missena ta' qabel, iballatha u jħalliha tinxef. Wara xi ġranet, meta din tkun ibbieset bis-sħana tax-xemx, kien iferrex il-qamħ jew xgħir li jkun ħasad u jidirsu billi jdawwar il-bhejjem, fuqu, sakemm dan, billi jkun imbaskat bis-sħana tax-xemx sajfija, jitfarrak u l-qamħa jew xgħira tinżel fil-qiegħ, sa ma mbagħad tiġi mifruda mit-tibna meta l-bidwi jderri t-tiben bil-midra. Tgħidx x'ors kenu jagħmlu t-tfal jitkabarsu fuq it-tiben qabel ma jitneħħa minn fuq il-qiegħda. Illum kollox spiċċa u rari għadek tara qiegħa għax kollox ġie mekkanizzat.

2. It-tieni triq ġdida fi Triq iż-Żabbarija ġiet imsejħa TRIQ IL-BANDLA. Fi żmien il-qiegħa kif ukoll ftit qabel, għall-ħabta ta' Lapsi, kienet drawwa li jsiru bandli bil-ħbula mas-siġar għolja biex it-tfal joqgħodu jqattgħu l-ħin liberu tagħhom jitbandlu għad-dell u ż-żiffa ħelwa li wieħed kien isib taħt dawn is-siġar.

3. L-ewwel triq ġdida fi Triq Ferdinand Hompesch ġiet imsejħa TRIQ SALVU CURSO, PATRIJOTT SEKLU 18. Dan is-saċerdot kien Kappillan tas-Siġġiewi bejn is-snin 1794 u 1810. Kien hu li mexxa lin-nies tas-Siġġiewi, meta dawn flimkien man-nies ta' Ħaż-Żebbuġ, marru għal kontra l-Franċiżi, flimkien ma' nies minn Malta kollha. Kien hu wkoll li kien għamel it-talba biex ir-raħal tas-Siġġiewi jsir Belt Ferdinandu Hompesch.

4. It-tieni triq ġdida fi Triq Hompesch ġiet imsejħa TRIQ IL-ĦSAD. Il-ħsad tal-qamħ u x-xgħir, jew kif isibhom il-bidwi, iżżergħa, kien isir għall-aħħar ta' Mejju u l-bidu ta' Ġunju. Armati bl-imnieġel (singular: minġel) il-bidwi kien jiltewa tnejn, miskin, biex, bil-minġel, jaqta' troffa troffa l-qamħ jew xgħir, jorbtu qatgħet bl-irbat, u wara, jagħmlu ħemel ħemel, gruppi ta' għaxar qatgħet, lesti għad-dris. Illum, ix-xogħol tal-ħsad isir ukoll bil-muturi.

5. It-tielet triq ġdida fi Triq Hompesch ġiet imsejħa TRIQ ID-DIFA. Difa hija kelma li jħobb juża l-bidwi meta l-ajru jkun bnazzi.

6. Ir-raba triq ġdida fi Triq Hompesch hi TRIQ L-ANDAR. L-Andar huwa dak kollu li għandu x'jaqsam mal-ħsad u d-dris tażżerriegħa. Tant li wara li l-bidwi jkun dires, derra, għarbel u saffa bil-luħ il-qamħ jew xgħir, it-trab u sifa li kien ikun baqa' fuq il-qiegħda kienu jgħiduh Trab u l-Andar.

---

## ŻEBGĦA MIXĦUTA MAL-BIEB TAL-KNISJA

Fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Settembru, xi ħadd mhux magħruf tefa' żebgħa mal-bieb tal-ġenb tal-Knisja Parrokkjali. In-nies indunat b'dan hekk kif marret għall-ewwel quddiesa. Iż-żebgħa tneħħiet dak in-nhar stess.

---

● VICTOR BUHAGIAR, żagħżugħ ieħor mis-Siġġiewi fis-sajf li għadda qatta' wkoll il-vaganzi tiegħu jaħdem mas-sorijiet ta' Mother Theresa fost l-ifqar fqar ta' Palermo. J'Alla aktar żgħażagħ mill-parroċċa tagħna joffru l-ħin liberu tagħhom biex igħinu lil min hu inqas ixxurtjat minnhom.

● NIKOL BALDACCHINO, Joe Camilleri u Karmenu Falzon, membri tal-grupp kariżmatiku "Alabarè" tal-parroċċa tagħna flimkien ma' żewġ lajċi Maltin oħra kienu Ruma fejn għenu fl-organizzazzjoni ta' l-Irtir Mondjali għas-Saċerdoti. Għal dan l-irtir, li fost il-kelliema kien hemm Mother Theresa, i-Kardinal Suenens u l-Papa nnifsu, attendew mas-7,000 qassis mid-dinja kollha.